# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum, 29 t'Awwissu 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 238/2024JPG**

**Kawza Nru.: 25**

**MVP**

**Vs**

**MP**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur datat 9 ta' Mejju 2024, a fol 1 et seq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrent izzewweg lill-intimata nhar l-hamsa (5) ta' Mejju 2001 u dan kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat Dok A u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal R li twieled f'X u M li twieldet f'Y;*

2. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Joseph Henry Saydon data 17 ta' Novembru 2021 hawn anness u immarkat Dok B;*

3. *Illil-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin;*

4. *Illi fir-rigward tal-minuri bint, jirrizulta li ma hemm ebda pendenzi ta' spejjez*

*dovuti mill-missier lejn il-bint a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni;*

5. *Illi llum ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikoncijazzjoni, anki l-ghaliex illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-Ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitou 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi, huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.*

*U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti, gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 27 ta' Gunju 2024, a fol 21 li taqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Mejju 2001 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal ossia R twieled f'X u M illi twieldet f'Y;*

2. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-nutar Joseph Henry Saydon fl-17 ta' Novembru 2021;*

3. *Illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti;*

4. *Illi ma kien hemm ebda riunifikazzjoni bejn il-partijiet mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni;*

5. *Illi ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni;*

6. *Illi l-esponenti qieghda tannetti ma din ir-risposta l-affidavit taghha (DOK A).*

Rat in-nota tal-partijiet (Fol 23) fejn iddikjaraw li ma ghandhomx xhieda ulterjuri x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit fol 18)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar il-5 ta' Mejju 2001 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Novembru 2021 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Henry Saydon. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet (vide affidavit fol 22)** u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Mejju 2001 liema zwieg jgib certifikat numru 451/2001 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Jospeh Henry Saydon nhar is-17 ta' Novembru

2021 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 451/2021 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**